MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 013/8

Il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Antoinette Azzopardi - Deputat Segretarju Eżekuttiv
Joseph M. Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

013.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

013.2 Tenders pendenti;

013.3 Tmiem tal-laqgħa.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.42pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Qabel il-laqgħa ġie spjegat għaliex ġiet imsejħa laqgħa b'urġenza. Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku qalet li wara li kien hemm qbil unanimu mal-membri kollha tal-Kunsill, din il-laqgħa ġie posposta għall-21 ta' Novembru minflokk għat-13 ta' Novembru 2019 kif kien oriġinaljmanet miftiehem fil-laqgħa tal-Kunsill.

Dawn it-tenders kienu ħarġu fil-Kunsill ta' qabel iżda għal xi raġuni jew oħra dawn qatt ma ġew konklużi u għalhekk il-Kunsill għandu bżonn jieħu deċiżjoni sabiex ikun jista' jimxi 'l quddiem.

**013.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

013.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sur MA Sammut avvża li kien se jasal tard.

**013.2.0 Tenders pendenti**

013.2.1 Tender ġbir ta' skart imħallat u organiku. Il-Kunsill ġie infurmat illi meta żmien ilu kienet ġiet awarded it-tender, il-kuntrattur ma kienx aċċetta u sal-lum il-Kunsill baqa' għaddej bix-xogħol permezz ta' kuntrattur b'emerġenza. Il-Kunsill qabel li din it-tender għandha terġa' toħroġ mill-ġdid għall-offerti.

013.2.2 Tender - xogħol ta' pavimentar fi Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja. Il-Kunsill irrefera għall-ittra tal-Avukat tal-kumpanija LBV Ltd. Il-Kunsill ġie infurmat illi għall-kuntrarju li nkiteb fl-ittra, il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-LBV Ltd għadu ma ġiex iffirmat iżda t-tender ġiet awarded. Il-Kunsill għandu f'idejh ukoll il-garanzija bankarja mill-istess kuntrattur LBV Ltd. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandu jintalab parir mid-Dipartiment jekk il-Kunsill għandux jimxi għall-iffirmar ta' dan il-kuntratt jew inkella terġax toħroġ sejħa mill-ġdid għal dan ix-xogħol.

013.2.3 Tender - xogħol ta’ pavimentar fi Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa, il-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat fejn kienet waslet it-tender u li din it-tender kienet għadha ma ġietx awarded lil ħadd.

Is-Sur Caruana qal li jekk terġa’ toħroġ it-tender il-Kunsill se jbagħti l-ispejjeż. Huwa ġie infurmat illi l-ispejjeż huma minimi u għalhekk dan ma joħloqx diffikultà.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandu jintalab parir mingħand id-Dipartiment sabiex din it-tender terġa’ toħroġ mill-ġdid.

013.2.4 Tender tal-ġonna u softareas. Il-Kunsill ġie infurmat illi din it-tender kienet għadha fl-istadju tal-aġġudikazzjoni u peress li għadda ħafna żmien, din tista’ terġa’ toħroġ mill-ġdid. Il-Kunsill approva.

Peress li x-xogħol fuq il-ġonna u softareas qed isir biċċa biċċa, il-Kunsill iddeċieda li jikseb 3 kwotazzjonijiet ħalli jsir ix-xogħol li hemm bżonn u b’hekk il-Kunsill ikun qed jimxi b’xogħol b’urġenza.

Is-Sindku infurmat illi l-iżbir tas-siġar li jinsabu urġenti talbet lill-Ambjent Malta sabiex jassistu lill-Kunsill kif inhu l-bżonn. Jekk dan ma jseħħx, il-Kunsill qabel li jimxi b’direct order ħalli jitneħħa kull periklu eżistenti.

Is-Sur Caruana qal li fejn hemm is-siġar invasivi dawn għandhom jinqalgħu mill-ewwel.

Il-Kunsill qabel li jistenna sal-laqgħa tal-Kunsill u jekk ma jkunx hemm tweġiba min-naħa ta’ Ambjent Malta, il-Kunsill ikun kostrett li jimxi b’direct order.

Nota Il-Kunsillier MA Sammut daħal fil-laqgħa 6.05pm

013.2.5 Tender tal-knis ta’ toroq urbani. Il-Kunsill ġie infurmat illi din it-tender kienet baqgħet fl-istadju tal-aġġudikazzjoni u l-Kunsill baqa’ jopera b’kuntrattur ta’ emerġenza. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li din it-tender terġa’ tinħareġ mill-ġdid u fiha jkun hemm ukoll it-teknikalitajiet li hemm bżonn.

**013.3.0 Tmiem tal-laqgħa**

0013.3.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6.18pm.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| PL Marija Sara Vella | Antoinette Azzopardi |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |